

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7147/25

FIN 310
INST 68
PE-L 11

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6419/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 02/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fil-21 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 02/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.
2. Kif irrekordjat fid-dokument 6419/25, l-għan ta' din il-proposta huwa li jitmexxa ammont ta' EUR 100 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-Partita 30 04 01 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea*) għall-Partita 16 02 01 01 (*Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)*).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).

Wara l-għargħar ikkawżat mix-xita torrenzjali li laqtet diversi żoni tal-Lvant ta' Spanja (għargħar DANA) f'Ottubru 2024, Spanja applikat għal assistenza skont il-kriterju ta' "diżastru maġġuri" tar-Regolament FSUE u talbet pagament antiċipat. It-trasferiment ta' EUR 100 000 000 mir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea ser jippermetti l-ġhoti tal-pagament antiċipat lil Spanja filwaqt li jħalli fuq il-linja baġitarja total ta' EUR 52 263 419 biex ikopru applikazzjonijiet ġodda potenzjali għal pagamenti bil-quddiem.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Marzu 2025.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 6419/25, u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dan il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill
lil : Il-President tal-Kummissjoni
kopja : Il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024², qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 02/2024 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/mt>).